# 27. L-Ajkla

Is-saltna tal-għasafar hija l-għoli;
għalhekk kien jixraq li s-sultana tagħhom
ikollha l-ogħla dejr, ġo l-iżraq safi
u ħdejn ix-xemx.

Min jagħmel tlitt ijiem tiela' jixxabbat
ma' għolja kbira jasal ħdejn il-bejta,
u jara l-Ajkla sewda b'għaxar dwiefer
tiggranfa l-blat;

U kif jitperreċ ftit minn fuq ix-xifer
jara l-palazzi kbar daqs il-għerejjex,
u s-siġar taċ-ċipress irqaq u qosra
bħall-frieħ tal-qasab.

Ix-xmara mserrpa qisha żigarella
dejqa tal-fidda, il-baħar firxa kbira
t'ilma bla qies li sejjer rigi rigi
lejn bjud ix-xefaq.

U jħoss mejt kbir u dehxa f'ġismu kollu
li tniggeż qiegħ saqajh hekk kif il-ħarsa
jitfa' dritt dritt ġewwa l-widien ta' taħtu
suwed, mudlama.

U f'daqqa jisma' żehra u jibqa' mgħaġġeb
kif jara l-Ajkla nieżla bġal sajjetta,
u terġa' titla' b'par ħamiem f'munqarha
għal ġewwa l-bejta.

Ix-xemx tal-jum sultana tħobb lill-Ajkla,
u mat-tbexbix troxxilha l-ewwel xita
ta' dija u dawl għal fuq id-dejr u tqabbdu
bin-nar tad-deheb,

U filgħaxija l-Ajkla b'rasha baxxa
issellem l-aħħar waħda lix-xemx nieżla
nieżla bil-mod il-mod ġol-mewġ ħamrani
ta' ġewwa x-xefaq.